MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 427/2000/1

**Avviz Nru:- 427/00**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Rita Briffa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ sebgha mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u disgha centezmi (Lm728.09) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta’ mobile telephone u ‘airtime’, ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mit-12 t’Awissu 1997 sal-1 t’Awissu 1999.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ sebgha mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u disgha centezmi (Lm728.09) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

B-imghax legali b’effett mill-5 t’April tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------